MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru. 514/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**VS**
**JUSTIN CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Justin Camilleri, ta’ 19-il sena, iben Salvatore u Mary nee’ Ciappara, imwieled Pieta’, nhar is-26 ta’ Jannar 1989, residenti Benvenue, Triq Salvu Curso, Siggiewi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 73889(M).

Illi huwa akkuzat talli:

a) fl-14 ta’ Gunju 2008 ghall-habta tal-5:15pm f’barriera f’Wied ix-Xkora limiti tas-Siggiewi kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond arma tan-nar (senter) tal-marka Luigi Franchi numru tas-serje T

03779, jew munizjon elenkati fl-iskeda 2 minghajr ma ghandu licenza taht l-att;
(Artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 480)

b) aktar fl-istess data, hin lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuni ta' Philip Camilleri u ibnu Aaron Camilleri kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u cioe senter tal-marka Lugi Franchi numru tas-serje T 03779 jew xi munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
(Artikolu 55 (a) tal-Kapitolu 480)

c) aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Philip Camilleri u lil Aaron Camilleri, billi qabad arma tan-nar (senter) tal-marka Luigi Franchi numru tas-serje T 03779 kontra l-istess Philip Camilleri u Aaron Camilleri;
(Artikolu 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9)

d) aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Philip Camilleri u Aaron Camilleri bil-kliem;
(Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9)

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Philip Camilleri u Aaron Camilleri skond l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-konfiska ta' l-arma in kwistjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 25 ta' Settembru 2008 fejn l-imputat ma kellux l-oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi kien hemm argument familjari bejn l-imputat u z-zijiet tieghu, Philip Camilleri u Aaron Camilleri, li sehh fil-barriera tal-familja Wied l-Ixkora, Siggiewi illi fih, allegatament, l-imputat, hedded arma tan-nar liz-zijiet tieghu.

L-Ufficjal Prosekutur kien interroga lil Justin Camilleri u dan infurmah illi n-nannu tieghu, Anthony Camilleri, kien qasam il-barriera bejn missieru (Saviour Camilleri) u z-zijiet (Philip u Matthew Camilleri). Spettur Cachia xhed li l-imputat stqarr illi kien gab s-senter ta’ missieru mid-dar meta ra li l-argument bejn missieru u z-zewg zijiet li kienu akkompanjati minn irgiel ohra, kien qed jaggrava. Spettur Cachia xehed illi dan is-senter kien mahrug mill-*pocket* izda ma kienx ikkargat. F’ebda hin ma gie sparat dan is-senter u lanqas ma ntuza dan is-senter biex jissawwat xi hadd.

Philip Camilleri kkonferma illi huwa ghandu barriera illi giet maqsuma minn missieru bejn l-ahwa. Huwa xehed illi kien inqala’ battibekk bejnu u bejn huh Salvu fuq xi ghodda li kienu tieghu u li xtaqhom lura. Mieghu, kien hemm it-tifel tieghu. Philip Camilleri xehed illi omm l-imputat kienet prezenti u kellha f’idejjha imqass u filwaqt li l-imputat kellu f’idejh turnavit. Ftit wara dan l-argument, l-imputat rega’ gie fuqu b’senter f’idejh u ppuntah fid-direzzjoni tieghu. Dak il-hin kien hemm hafna ghajjat u ma sema’ lill-imputat jghid xejn. Camilleri jghid illi wara li kkalmat l-affari u telqu, wara xi ghaxar minuti sema’ tir. Philip Camilleri xehed illi kien hemm prezenti wkoll huh (Matthew Camilleri). Philip Camilleri xehed illi l-kwistjoni kienet inqalghet minhabba illi hu jrid jghaddi minn fuq propjeta’ ta’ huh Salvu Camilleri biex jacceddi ghal parti tal-barriera li kienet giet mghoddija lilu.

In kontro ezami, Philip Camilleri stqarr ukoll illi xi ftit qabel, huwa kien ghabba xi hamrija illi kienet qeghedha fil-parti tieghu tal-barriera u kien inqala’ wkoll battibekk fuq din il-hamrija. Mistoqsi jekk kien veru illi missieru kien ta xeba lil Justin, Philip Camilleri jinnega, anzi jghid illi kien Justin illi ghamel ghal missieru permezz ta’ mus. Philip Camilleri xehed illi huwa kien ha l-flixken ta’ l-acitelina mill-*garage* u li ma qalx b’dan lil Salvu Camilleri. Philip Camilleri xehed ukoll illi Salvu Camilleri kien issellef xi *charger* minghajr ma qallu. Philip Camilleri xehed (a fol.40) illi Salvu Camilleri kien talbu jiftahlu l-*garage* halli jaraw kienx jikkontjeni affarijiet li jippartjenu lil Salvu u fil-fatt tah xi tank taz-zejt u li hu kien ghenu johorgu permezz ta’ gaffa. Philip Camilleri xehed illi kien hemm xi ghodod, pero’ dawn kienu ta’ missieru. Philip Camilleri (a fol.42) xehed illi mieghu kellu wkoll it-tifel tieghu (Aaron Camilleri).

Aaron Camilleri xehed illi kien cempel zijuh, Salvu Camilleri, u talabhom jifthu xi bieb tal-*garage* u fil-fatt hekk ghamlu u nizlu hu (Aaron) u missieru (Philip). Fuq il-post sabu lil Salvu u liz-zewgt itfal tieghu, Justin u Charles u ftit wara nizlet l-omm illi kellha mqass f’idejjha. Justin kellu tornavit f’idejh u filwaqt li Charles kellu sikkina gol-qalziet. Illi nqala’ battibekk fuq xi affarijiet ta’ l-ghodda f’dan il-*garage*. Aaron Camilleri xehed illi l-battibekk kien jikkoncerna ghodod illi wara skoprew illi kienu tan-nannu taghhom. Kif l-argument beda jishon, Aaron Camilleri (a fol.48) xehed illi l-imputat telaq minn fuq il-post u gie wara ftit, b’senter tal-kacca u li dan ippuntah lejn missieru. Missieru dar lejn il-*garage* u Justin ipponta s-senter ghal fuqu (Aaron). Imbaghad, huh u missieru, hadulu s-senter minn idejh. Wara illi spicca l-argument u kollha telqu ghall-affari taghhom, huwa sema’ hoss ta’ tir ta’ senter li:

*“Instema qisu fil-barriera jigifieri fil-vicinanzi ta’ hemmhekk.”* (ara xhieda fol.49)

Alfred Camilleri kkonferma illi huwa kien prezenti waqt dan l-incident, flimkien ma’ Philip Camilleri, Aaron Camilleri u Edison Cachia. Illi waqt kwistjoni fuq xi cilindri ta’ l-acitelina, Philip qabad jghajjat u Justin nizel b’senter li mmarkah lejn Philip Camilleri. Omm l-imputat nizlet

b'imqass f'idejjha. Hu Justin nehha s-senter minn idejn Justin. Alfred Camilleri xehed illi kellhom ukoll sikkina u li Justin beda jghid il-kliem: "*Inqattaw inqattaw*". Alfred Camilleri xehed illi huwa kien baqa' fil-karozza waqt dan l-incident.

Philip Camilleri gharaf lill-imputat (a fol.54) waqt illi Aaron Camilleri ghamel l-istess (a fol.55).

PS 487 Reuben Balzan ikkonferma r-rapport ta' Philip u Aaron Camilleri ghal rigward tat-theddida permezz ta' senter da parti ta' Justin Camilleri. L-okkorrenza giet ezebita bhala Dok.PS.

PS 478 Bernard Palms ikkonferma illi l-imputat Justin Camilleri ma kellux licenza biex izomm jew igorr arma tan-nar u li, pero', missieru kellu licenza ta' senter tal-marka Luigi Franchi, numru tas-serje T0 3779 (ara Dok.X1)

Edison Cachia kkonferma l-prezenza tieghu waqt battibekk bejn l-ahwa Camilleri. Cachia xehed illi huwa kien prezenti flimkien ma' Alfred, Philip u Aaron Camilleri illi fuq il-post wara xi hin, nizlu Charles, Justin u l-mara ta' Salvu u li wara nizel l-imputat b'senter waqt li Charles Camilleri kellu sikkina. Cachia xehed illi mart Salvu Camilleri kienet ukoll b'mus, tigri wara kelb. Ftit wara kkorega ruhu u qal illi kellha mqass f'idejjha. Edison Cachia xehed illi Justin beda jghid illi huma riedu l-ghodda taghhom u xehed illi s-senter gie ppuntat lejn Philip Camilleri.

Joseph Micallef ikkonferma x-xhieda ta' Edison Cachia izda xehed illi huwa ma rax lil Justin jipponta s-senter lejn Philip, anzi jghid:

*"Justin kif nizel minn gor-rampa, kif dar id-dawra hekk, bis-senter f'idu, missieru qabad hatafulu u tefghu gol-garage."*

L-imputat Justin Camilleri kkonferma illi l-barriera, propjeta' ta' nannuh, kienet giet diviza bejn l-ahwa, cioe missieru Salvatore u zijuh Philip u Matthew Camilleri. Fil-

parti assenjata lil missieru kien hemm tlett (3) *garages*, propjeta' ta' missieru. Illi hu kien qieghed f'dan il-*garage* ma' ommu illi kienet ghamlet xi purtieri u li kienu qed iwahhluhom f'wiehed minn dawn il-*garages*. Huwa nduna illi kien hemm xi ghodda neqsin minn gol-*garage* li kienu ghodda propjeta tieghu, ta' huh u ta' missieru (Salvu Camilleri). Illi ghaldaqstant informa lil missieru li cempel lil Philip Camilleri u dan nizel: "*Xkanat.*" L-imputat xehed illi Philip gie mat-tifel tieghu u zewgt irgiel ohra u nqalghu hafna argumenti mill-antik, hafna ghajjat u kliem oxxen. L-imputat xehed illi beda jibza' u tela' wahda sad-dar, gab is-senter sabiex ibezza. Huwa xehed illi huwa qatt ma spara senter u lanqas biss jaf juzah u li kien hemm hafna tilwim bejn l-ahwa u nannuhom u saru hafna rapporti l-Ghassa fuq daqshekk. Illi nannuh kien ta' sikwit jahqru (Justin Camilleri) u hemm diversi rapporti l-Ghassa tal-Pulizija fuq dan l-istat ta' fatt. Illi huwa ha l-arma mill-*garage* ta' missieru sabiex:

*"Ma jkunx hemm xi perikolu li jista' jigri xi haga,"*

u li din l-arma kienet vojta. Illi, di piu', ma kellu ebda skratac fuq il-persuna tieghu jew fuq hwejgu. L-imputat xehed illi l-iskratac jinzammu d-dar.

L-imputat xehed illi huwa jahdem ma' missieru fil-parti tal-barriera illi giet assenjata lil missier u ma ghandu ebda introjtu iehor. Illi l-incident qam il-ghaliex missieru (Salvu Camilleri) kien cempel lil huh (Philip Camilleri) sabiex ikomplu jaqsmu l-ghodda ta' bejniethom u talab lil Philip Camilleri jgib mieghu l-acitelina li kien ha. L-imputat xehed illi l-irgiel illi akkompanjaw lil Philip Camilleri, ma kienux jahdmu fil-barriera ta' Philip, izda gieli kienu jigu jghinuh. L-imputat xehed illi s-senter dam f'idejh ghal sekonda il-ghaliex missieru kien pront u hatafulu minn idejh. L-imputat innega dak illi qal Aaron Camilleri u cioe li hu (Justin Camilleri) ipponta s-senter lejh u li heddu.

Mary Camilleri xehedet illi hi ghandha tlett itfal, wiehed minnhom l-imputat, u li zewgha kellu barriera f'Wied Xkora, Siggiewi, li hija parti minn barriera akbar li giet

maqsuma bejn zewgha Matthew u Philip Camilleri u kkonfermat illi z-zewgt itfal taghha (Charles u Justin) jahdmu ma’ missierhom (Salvu Camilleri) f’din il-barriera. Mary Camilleri xehedet illi binha Justin kien sahansitra kostrett, ghal perijodu konsiderevoli illi ma jahdimx f’din il-barriera fl-passat il-ghaliex nannuh kien dejjem imqabbad mieghu. Hija spjegat illi dan kien isir billi nannuh kien jerfa’ idejh fuq l-imputat b’dak kollu illi kien jigi ghal idejh, inkluz lasti ta’ xkupi. Illi ricentement din il-barriera kienet inqasmet bejn zewgha u hutu izda missierhom (cioe n-nannu ta’ Justin) xorta wahda ried jibqa’ jikkmanda. Dakinhar ta’ l-incident, Justin, wara l-ikla ta’ nofsinhar, kien qal lil ommu illi kien ser jerga’ lura ghax-xoghol fil-barriera u hi riedet takkompanjah ghaliex kienet lestiet xi purtieri li kienet ser iddendel fil-*garage* fil-barriera. Waqt illi kienet qed tqieghed dawn il-purtieri fil-*garage* ta’ fuq, Justin nizel fil-*garages* ta’ isfel u tela’ jigri u nformaha illi kienu nsterqu xi ghodda u li x’aktarx kien iz-ziju Philip ghax gharaf il-marki tat-*tyres* tal-*van* tieghu. Minn hemm cempel lil missieru (Salvu) u dan gie flimkien ma’ Charles. Salvu cempel lil Philip u dan nizel jghajjat f’wicc zewgha (Salvu):

*“Jghajjat hekk go wiccu, hekk qisu jrid jaqbad itih.”*

Aaron Camilleri qabad jghajjat mat-tfal apparti illi kien hemm zewgt (2) irgiel ohra maghhom. Mary Camilleri xehedet illi f’idejha kellha “Inch tape” u l-imqass tal-hjata u rat lil zewgha (Salvu) jiehu senter minn idejn Justin. Dan is-senter kien dejjem ippuntat ‘l isfel. Mary Camilleri kkonfermat illi kien hemm diversi kwistjonijiet bejn zewgha u hutha fuq il-qsim ta’ l-ghodda u l-ingenji u kienu jsiru hafna vendikazzjonijiet u li binha (Justin Polidano) kien ta sikwit ikun mhedded minn zijuh (Philip Camilleri).

Charles Camilleri, hu Justin Camilleri, kkonferma x-xhieda tad-Difiza, l-qasma tal-barriera bejn missieru u hutu u l-inkwiet bejn l-ahwa ghal rigward tal-qsim ta’ l-ingenji. Ikkonferma illi missieru (Salvu) kien cempel lil Philip Camilleri minhabba li sab xi ghodda neqsin hekk kif Philip Camilleri, wasal fil-barriera akkumpanjat minn ibnu

(Aaron) u zewgt (2) irgiel ohra. Ikkonferma illi Philip Camilleri beda jghajjat ma' missieru u jkellmu hazin u li nqalghet konfuzjoni. Ikkonferma illi nannuhom (Anthony Camilleri) ma jahmlux lil Justin Camilleri u li dejjem jaqbad mieghu, tant li Justin Camilleri ghamel zmien konsiderevoli jahdem ma' haddiehor. Ikkonferma illi nannuh kien hedded lil Justin Camilleri b'*revolver* u li kien hemm diversi rapporti l-Ghassa tal-Pulizija. Charles Camilleri kkonferma illi z-zewgt (2) irgiel illi Philip Camilleri gab mieghu kienu ta' statura kbira hafna illi kienu:

*"Qishom bodyguards."*

Charles Camilleri xehed illi huh kien mar igib senter minn gol-*garage* taghhom u zammu ppuntat lejn l-art. Illi, kif missieru (Salvu Camilleri) intebah bl-arma, kien pront u hatafielu minn idejh. Ikkonferma illi ma kienux inzammu skratacc fil-*garage*.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta, anka b'mod ampju, illi bejn l-imputat, il-familja tieghu u z-ziju (Philip Camilleri) u ibnu (Aaron Camilleri) hemm animozita antika. Din l-animozita kibret bl-agir ta' missier Salvu Camilleri (Anthony Camilleri) versu l-imputat, tant illi hemm diversi rapporti, anke serji, fl-Ghassa tal-Pulizija, bejn il-membri ta' din il-familja.

Illi l-fatti spece tal-kaz juru illi kien Justin Camilleri illi skopra li kien hemm diversi ghodod ta' certu entita' illi naqsu mill-*garage* ta' missieru (Salvu) u ghalhekk kien pront li jinforma lil missieru b'kollox. Jirrisulta ampjament, illi Salvu Camilleri cempel lil Philip Camilleri illi nizel akkumpanjat minn ibnu (Aaron Camilleri) u zewgt (2) irgiel ta' statura kbira.

Din il-Qorti ssib illi l-imputat beza' minn dan l-istat ta' fatt u mill-ghajjat u d-dagha, da parti ta' Philip Camilleri fuq missieru, kif fil-fatt beza' anke huh Charles. Illi kienet f'din ir-retroxxena illi l-imputat ha s-senter ta' missieru, senter

illi ma kienx ikkargat, u gie jigri bih. F'temp ta' sekondi Salvu Camilleri hataf is-senter minn idejn ibnu (Justin Camilleri).

Ma hemm dubju ta' xejn illi l-imputat fid-data, lok u hin citat fl-akkuza kellu f'idejh senter ta' missieru, liema senter, ghalkemm licenzjat fuq missieru (Salvu Camilleri), ma kienx kopert b'licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-istess, pero', ma jistghax jinghad ghal rigward tat-tieni (2) akkuza, stante li l-imputat ma ghamel ebda reat kontra Philip u Aaron Camilleri. L-uniku agir ta' Justin Camilleri kien precizament dak illi jissemma fit-tielet (3) akkuza illi l-imputat qabad arma tan-nar, imsemmija fic-citazzjoni u li Philip u Aaron Camilleri hassewhom mhedda b'dana kollu. Illi r-raba' (4) akkuza u cioe ta' theddid hija certament assorbita fit-tielet (3) akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, **Justin Camilleri**, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) li minnha tilliberah, hati tat-tielet (3) akkuza b'assorbiment ai fini ta' piena fir-raba' (4) akkuza fit-tielet (3) akkuza u wara li rat Artikoli 5(1) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 339(1)(b) u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena**.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nettissima ta' l-imputat, l-eta' giovanili tieghu u l-fatt illi dak illi ghamel kien sforz tal-biza' tremenda li hakkmitu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------